

## IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Marzu 2019 — Robert Bosch vs EUIPO (Simply. Connected.)

(Kawżi T-251/17 u T-252/17) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjonijiet għal trade marks figurattivi tal-Unjoni Ewropea Simply. Connected. — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Portata tal-eżami li għandu jitwettaq mill-Bord tal-Appell — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Artikolu 64 tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 71 tar-Regolament 2017/1001)”)*

(2019/C 172/39)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrent: Robert Bosch GmbH (Stuttgart, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Völker u M. Pemsel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Mensing u D. Hanf, aġenti)

### Suġġett

Rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Marzu 2017 (Każ R 948/2016-5) u tal-10 ta' Marzu 2017 (Każ R 947/2016-5), dwar applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tas-sinjali figurattivi Simply. Connected. bħala trade marks tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-251/17 u T-252/17 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Robert Bosch GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 195,19.6.2017.